# Il-Kavallier Fra Wolfang Philip Von Guttenberg
*(1647-1733)*

**David Bartolo**

Fl-aħħar snin, fil-ħarġiet preċedenti, tajna ħarsa lejn diversi aspetti storiċi b'rabta mal-Mellieħa u l-madwar b'diversi temi. Din is-sena ħa nagħtu ħarsa lejn tema oħra relatata mal-Mellieħa bid-differenza li għall-ewwel darba ħa ssir ħarsa ħafifa lejn persunaġġ. Qatt qabel ma tajna dawl fuq xi persunaġġ speċifiku imma dejjem tkellimna fuq postijiet u strutturi diversi b'konnessjoni mar-rikkezza storika u ġeografika tal-inħawi tagħna.

Il-persunaġġ mistħarreġ ħa jkun il-Kavallier Ġermaniż Fra Wolfang Philip Von Guttenberg. Ħafna jsaqsu min hu dan il-Kavallier u x'relazzjoni għandu mal-Mellieħa. Dan il-Kavallier ma għandux konnessjonijiet diretti ma' bini ta' difiża li bena l-Ordni ta' San Ġwann fil-Mellieħa u l-inħawi matul il-ħakma tiegħu fuq Malta u Għawdex. Min-naħa l-oħra dan il-persunaġġ jidher fuq żewġ pitturi li jżejnu, wieħed il-Knisja Parrokkjali u ieħor is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.


Guttenberg fl-ewwel żminijiet tiegħu bħala Kavallier

## L-Isfond ta' Von Guttenberg

Il-Baruni Von Guttenberg twieled fid-29 ta' Lulju tal-1647 fil-Kastell Marloffstein tal-familja nobbli Guttenberg li kienet familja antika Ġermaniża fi Franconia. Dan il-kastell jinstab fuq ix-xmara Nechar fil-Bavarja, il-Ġermanja. Huwa daħal bħala kavallier fis-6 ta' Jannar (l-Epifanija) tal-1669 fl-età ta' kwazi 22 sena[1].

Waqt li missieru kien uffiċjal għoli f'Marloffstein stess, ħuh il-kbir, Johannes Gottfried kien il-Prinċep-Isqof ta' Wurzburg filwaqt li ħuh iż-żgħir kien l-Isqof Awżiljarju ta' Augsburg.

Guttenberg serva diversi karigi fl-Ordni bħala


Il-Kastell Marloffstein

Kummissarju tal-Kongregazzjoni tax-Xwieni fl-1682, Gwardjan tan-Nobbiltà fl-1685, Kunsillier tal-Lingwa Ġermaniża fl-1681, fl-1688 u fl-1694, Membru tal-Kunsill tal-Gwerra u l-fortifikazzjonijiet fl-1698-1699 u fl-1706, Kummissarju tan-Novizzi fl-1702 u bejn l-1706-1708 kien ukoll Kummissarju tat-Teżor. Minbarra dawn il-karigi kollha, kien ukoll il-Gran Balliju tal-Lingwa Ġermaniża, kif ukoll il-Balliju ta' Branderburg. Waqt il-qilla tal-Pesta fl-1676 huwa kien ġie inkarigat biex jieħu ħsieb il-postijiet tad-dfin ta' dawk li mietu bil-pesta. Serva bħala Kavallier kif ukoll dawn il-karigi taħt sitt Gran Mastri differenti. Huwa miet ta' 86 sena wara marda kiefra fl-4 ta' Diċembru tal-1733 fid-dar tiegħu fi Triq il-Mitħna, il-Belt Valletta u huwa midfun fil-Kappella tal-Lingwa Ġermaniża tal-Ordni ta' San Ġwann li kumbinazzjoni hija ddedikata lill-istess Epifanija jew il-wasla tas-Slaten Maġi.


L-Arma tal-Familja Guttenberg

## Il-Kwadru Titulari fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa



It-Titular tal-Vitorja fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa

Il-kwadru titulari juri r-rebħa wara l-Assedju l-Kbir. L-Ordni u Malta huma rappreżentati mill-Balliju Guttenberg li jidher qed joffri palma lill-anġlu. Giuseppe Calì li pitter dan il-kwadru ħa l-figura ta' Guttenberg mill-*ex voto* li hemm fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li ħa nitkellmu fuqu dalwaqt.

Ta' min jgħid li Guttenberg fi żmien l-Assedju kien għadu lanqas twieled imma Calì sselief il-figura tiegħu u rnexxielu jipproduċi kompożizzjoni l-aktar armonjuża. Il-kwadru kien ġie mpitter fl-1898 u kien tħallas mis-Sur Giovanni Mifsud. Giuseppe Calì (1846-1930) barra dan il-kwadru, għandu 4 oħra fl-istess knisja: Santa Liena, San Gejtanu, San Pawl u l-Madonna tar-Rużarju[2].

## Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u Von Guttenberg

Guttenberg kien viżitatur regulari fis-Santwarju tal-Mellieħa u ma setax jonqos li jħalli xi tifkiriet minn tiegħu[3].

F'dan is-Santwarju, insibu diversi *ex voto*, avolja fadal ftit ferm mill-eluf li kien hemm. L-*Ex voto* huma oġġetti tal-wegħdi u kienu jingħataw bħala rikonoxxenza li persuna kienet turi għall-grazzja li tkun qalgħet mingħand Alla. Ġeneralment dawn kienu jkunu kwadri u bosta drabi dawk li kienu jkunu pinġew dawn il-kwadri ma kinux jafu jiktbu u għalhekk kienu jpinġu biss V.F.G.A. jiġifieri "saret il-wegħda u l-grazzja nqalgħet"[4].



L-Ex Voto li juri lil Guttenberg fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

L-eqdem *ex-voto* ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann fl-istess Santwarju, huwa l-pittura li pitter Stefano Erardi fl-1678[5] li turi lill-Kavallier Guttenberg jitlob lill-Madonna bil-Bambin għall-ħarsien tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann maqbuda fil-maltemp qrib Taranto fil-25 ta' April tal-1678[6].

Waqt maltempata tal-biża', ħames xwieni minn skawdra ta' sebgħa taħt il-kmand tal-Balliju Monte Negro Correa li kien Ġeneral tal-flotta tal-Ordni kienu fil-periklu li jintilfu [7]. Ta' min jgħid li l-familja nobbli Portugiża ta' Correa tat ħafna minn niesha lill-Ordni ta' San Ġwann[8]. Ħaġa oħra ta' min isemmi b'relazzjoni marittima hi li Guttenberg, qabel daħal Kavallier, meta għamel in-novizzjat għal mal-istess Ordni, kien ħa sehem fil-karuvani li kienu jikkonsistu f'erba' vjaġġi ta' sitt xhur kull wieħed fuq ix-xwieni tal-Ordni[9]. Dan l-*ex-voto* hu l-uniku pittura li fadal fl-istess Santwarju mis-60 imsemmija fl-inventarju tal-1694-5, li kien magħmul min-nutar pubbliku Michael Go.Bonavita għar-Rettur tas-Santwarju Giov. Paolo Bartholo[10]. Fi żmien Dun Bartholo, li kien minn Ħal Għargħur, sar ħafna xogħol fl-istess Santwarju fosthom il-bini ta' kmamar ħdejn l-istess Santwarju fl-1609 minn



Il-Madonna u żewġ statwi ta' anġli tal-franka

Marju de Vasi mħallsa minn butu. Hu bena anki d-dar għar-Rettur[11].

Fatt interessanti hu li l-pittur Stefano Erardi (1630-1716) kien iben il-Mastro Sebastjan Erardi, probabbilment ta' oriġini Franċiża u huwa meqjus bħala rivali ta' Mattia Preti fejn tidħol il-kwalità u l-kwantità tax-xogħlijiet tiegħu[12].

Il-Kavallier Guttenberg kien ukoll irregala lis-Santwarju statwa tal-Madonna u żewġ statwi ta' anġli tal-franka. Dawn jinsabu fis-sagristija.

## Knejjes u Kappelli Oħra

Diversi huma l-konnessjonijiet ma' knejjes u kappelli oħra li kellu Guttenberg. Fost dawn insibu s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, fejn kien ta pittura taż-żejt tal-istess Madonna wara l-battalji navali li saru fl-1670 u fl-1673 li ntemmu b'suċċess. Lill-kappella ta' San Pawl l-Eremita f'Wied il-Għasel, il-Mosta, Guttenberg kien għamel donazzjoni ta' tliet statwi: tal-istess qaddis, San Ġwann il-Battista, kif ukoll ta' Sant'Antnin Abbati. Dan il-kavallier kellu dar fil-Qrendi qrib il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena, fejn irregala diversi pitturi u l-fonti tal-ilma mbierek tal-irħam. Minbarra dawn, kien għamel diversi opri oħra u ħallas għal numu ta' quddies fi knejjes oħra madwar Malta.[13]

## Relazzjonijiet Oħra

Il-Kavallier Guttenberg bena wkoll il-loġġa li hemm fl-Għajn tal-Ħasselin li hemm fl-Imsida fl-1730. Hemmhekk kien hemm nixxiegħa tal-ilma u l-iskop tal-loġġa kien biex min ikun qed jaħsel ikollu l-kenn u d-dell[14]. Ħaġa oħra li jissemma għaliha Guttenberg hija l-Mażunerija. Fis-seklu 18, din is-soċjetà sigrieta nxterdet ħafna, l-aktar fost in-nobbli. Jissemma l-fatt li fl-1730, fl-istess żmien li bena l-loġġa tal-Għajn tal-Ħasselin, Guttenberg bena wkoll loġġa mażonika ħdejn l-istess għajn u li ħalla 150 skud fis-sena għall-bżonnijiet tagħha.[15]

Ta' min li 'l quddiem dan il-Kavallier jiġi studjat iktar fil-fond u bir-reqqa. Żgur li iktar informazzjoni u dettalji fuq Fra Guttenberg jistgħu jaraw id-dawl f'aktar riċerka profonda. Kien hemm ix-xewqa li nidħol aktar fid-dettal imma l-ispazju ma ppermettiex.

**Referenzi**

1 J. Borg., *Festa ta' Marija Bambina Mellieħa* (1989), p21.
2 R. A Espinosa, Ħames Kwadri ta' Giuseppe Calì fil-Parrocca tal-Mellieħa, *Festa Marija Bambina – Mellieħa* (1986), pp33-35.
3 T. Terribile., Ġużeppi Calì u r-rabta tiegħu mal-Mellieħa, *Festa Marija Bambina Mellieħa* (1996), p73.
4 R. Bonnici Calì., Ex-Voti fis-Santwarju tal-Mellieħa, *Festa Marija Bambina Mellieħa* (1988), pp13-17.
5 J. Muscat., Ex Voto, *Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa-Malta,* (2009), p2.
6 Calì, pp13-17.
7 Muscat, p2.
8 Ibid.
9 Galea, pp813-817.
10 J. Muscat – Inventarju tas-Santwarju tal-1694-1695 u d-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa fis-Seklu 17. *Festa Marija Bambina-Mellieħa* (2005), p63.
11 J. Borg., Il-Kappillani tal-Parroċċa tal-Mellieħa. *Festa Marija Bambina Mellieħa* (1982), p19.
12 V. Mallia-Milanes., *Hospitallier Malta 1530-1798*, (Malta 1993), p568.
13 Galea, 1981 pp813-817.
14 Ibid.
15 J.F. Grima - *Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530-1798*, Kullana Kulturali (Malta 2001), p251.

**Riferenzi Oħra**

M. Galea., Il-Kavallier Guttenberg u l-Madonna tal-Mellieħa. *Festa Maria Bambina 2002 La Vittoria* (2002),pp125-127.
C. Vella., The Sanctuary of the Virgin of Mellieħa and the Knights of St John. *Treasures of Malta Nr 38 Easter* (Malta 2007). pp39-44.
D. Mallia., DLH to restore Tal-Ħniena Chapel, Vigilo-*Din l-Art Ħelwa*. *October* (Malta 2007) pp16-17.